# NEWSHEET TAL-GĦAQDIET KATTOLIĊI

Segretarjat għall-Apostolat tal-Lajċi



IL-KURJA, KAXXA POSTALI 1 TRIQ IR-REPUBLIKA, VICTORIA, VCT 1013, GĦAWDEX, MALTA.
TEL: 21556661 – 21556427 – 2155 1211 FAX: 21551278 WEBSITE: www.gozodiocese.org



**Nru. 379.** **Lulju 2008.**


## MANIFESTAZZJONI MARJANA DJOĊESANA

## F'MARSALFORN

Il-Leġjun ta' Marija t'Għawdex ser jorganizza bħas-snin l-imgħoddija Manifestazzjoni Marjana favur

« **Ambjent Moralment Nadif** » , f'dan ix-xahar ta' Lulju.Din ser tinżamm:

| | |
|---|---|
| **Nhar:** | It-Tlieta, 22 ta' Lulju 2008 |
| **Post:** | Marsalforn - Għawdex. |
| **Ħin:** | Fis- 7.30p.m. |

Fis-7.30p.m.Fil-Promenade tal-Port ta' Marsalforn jibda jingħad ir-Rużarju Meditat bil-kant quddiem l-Istatwa tal-Madonna ta' Fatima . Fit-8.00p.m. imbagħad fl-istess post issir Quddiesa konċelebrata mmexxija mill-E.T. Mons Mario Grech, Isqof t'Għawdex fejn jagħti messaġġ tal-okkażjoni.

Is-saċerdoti kollha huma mistiedna biex jikkonċelebraw. (Iġibu magħhom Alba u stola Bajda).

Nagħmlu appell lir-responsabbli tal-Għaqdiet, Gruppi Ekkleżjali u Movimenti Kattoliċi biex huma flimkien mal-membri tagħhom u l-Għawdxin kollha iħallu din id-data libera u jieħdu sehem f'din il-Manifestazzjoni Pubblika Marjana.

---

## AVVIŻ :PELLEGRINAĠĠ DJOĊESAN GĦAL FUQ IL-GŻEJJER TA' SAN PAWL - MALTA

Nixtiequ minn issa nfakkru u navżaw illi fix-xahar t'Awissu 2008 ser isir attività Djoċesana din hija.

**Pellegrinaġġ Djoċesana mmexxi mill- E.T. Mons Mario Grech, Isqof t'Għawdex għal fuq il-Gżejjer ta' San Pawl f' Malta nhar L-ERBGĦA, 20 t'Awissu, 2008.** Fl-« iNewsheet" t'Awissu nagħtukom iktar detalji. Nitolbu lil dawk kollha responsabbli tal-Għaqdiet,Gruppi Ekkleżjali u Moviment Kattoliċi biex iżommu din id-data libera mil-laqgħat biex minn ikun jrid jattendi jkun jista' jiġi għal dan il-pellegrinaġġ. Kulħadd huwa mistieden.

***Is-Sajf – Jiem ta' Mistrieħ. Jiem ta' esperjenzi ġodda.***

***Jiem ta' Appostolat favur Ambjent Moralment Nadif.***

.

# Kalendarju Pastorali
# Lulju – 2008
# Numru 379

1.Tlieta Il-Beatu Nazju Falzon Kjeriku. Tifkira.
Laqgħa għall-Katekisti tas-Sitt Sena (Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb fis-6.30p.m.
2.Erbgħa Id-disa' Erbgħa ta' Santa Marija.
Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani fiċ-Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb fit-8.30a.m.
Laqgħa għall-Katekisti tas-sena tal-Griżma fiċ-Ċentru Pastorali tar-Ragħaj it-Tajjeb fis-6.30p.m.
3.Ħamis San Tumas Appostlu. Festa.
4.Ġimgħa Santa Eliżabetta tal-Portugall- Tifkira
L-ewwel Ġimgħa tax-xahar . Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi.
Kors għall-Koppji (Dun Anton Teuma ) –sat-13 tax-Xahar.
5.Sibt L-Ewwel Sibt tax-xahar. Tqarbina Riparatriċi.
Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewkaristiku fil-Knisja ta'Savina, Victoria li jibda bil-Quddiesa Fit-8.30 p.m.
Laqgħa Grupp Misjunarju Għawdxi fis-Seminarju fil-5.00p.m.
6.Ħadd L-Erbatax-il Ħadd tas-sena. Messalin sena A. Paġina 321.
Festa taż-żjara tal-Verġni Marija lill Santa Eliżabetta – Parroċċa Għarb.
9.Erbgħa L-għaxar Erbgħa, ta' Santa Marija.
11.Ġimgħa San Benedittu Abbati, Patrun ta' l-Ewropa, Festa.
12.Sibt Issir It-3 Dehra tal-Madonna ta' Fatima. F'Ta' Ħamet fis-7.30p.m .
Lejl Adorazzjoni mill-Mov.Ewk. fil-Knisja Ta' Ħamet li jibda fid-9.00p.m.
13.Ħadd Il-Ħmistax-il Ħadd tas-sena. Messalin sena A .Paġina 326.
Festa tal-Madonna tas-Sokkors – Parroċċa Kerċem.
14.Tnejn Parroċċa Xagħra .Kors ta' Formazzjoni għall-ministerjalita' fil-Liturġija (sat-18 tax-xahar).
15.Tlieta San Bonaventura, isqof u duttur tal-Knisja – Tifkira (O)
16.Erbgħa Festa Liturġija tal-Madonna tal-Karmnu f'Ta' Ħamet u fix-Xlendi.
It-18 il-dehra tal-Madonna ġewwa Lourdes.
Festa tal-Madonna tal-Karmnu f'Ta' Ħamet.
Il-ħdax - il Erbgħa ta' Santa Marija.
19.Sibt Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati fil-Parroċċa tal-Qala li tibda fis-7.00p.m.
Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Victoria li jibda fit-8.30p.m.
20. Ħadd Is-Sittax-il Ħadd tas-sena. Messalin sena A. Paġina 332.
It-38 anniversarju mill-ħatra ta' l-Isqof emeritus Nikol Ġ. Cauchi.Nitolbu għalih.
Festa ta' San Ġorġ – Parroċċa San Ġorġ –Rabat..
22.Tlieta Santa Marija Maddalena, dixxipla tal-Mulej Tifkira ())
Manifestazzjoni Marjana f'Marsalforn li tibda fis-7.30p.m. b'Ružarju Meditat u fit-8.00p.m. Quddiesa Konċelebrata mmexxija mill-E.T. Mons Mario Grech, Isqof t'Għawdex.
23.Erbgħa Santa Briġida, Reliġjuża-Patruna ta' l-Ewropa – Festa
It-tnax -il Erbgħa ta' Santa Marija.
25.Ġimgħa San Ġakbu, Appostlu. – Festa.
Festa Knisja ta' San Ġakbu, Victoria.
26.Sibt Tifkira ta' Sant' Anna u San Ġwakkin. - Ġenituri tal-B.V. M.
Festa fil-Kappella tad-Dwejra f' San Lawrenz.
Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. fil-Knisja ta' Santa Marta tal-Għonq ,Victoria li jibda fit-8.30p.m.
27.Ħadd Is-Sbatax-il Ħadd tas-sena. Messalin, Sena A, paġina 338.
Festa ta' Santa Margerita – Parroċċa ta' Sannat.
29.Tlieta Festa ta' Santa Marta – Knisja ta' l-Għonq, Victoria.
30.Erbgħa It-tlettax -il Erbgħa ta' Santa Marija.
Quddiesa anniversarju Dun Mikiel Attard u BBQ għas-saċerdoti -Centru Ragħaj it-Tajjeb-fis-7.00p.m.
Gozo International Celebration - Pjazza San Ġużepp –Qala fid-9.00p.m.
31.Ħamis. Tifkira ta' Sant' Injazju ta' Loyola, Fundatur tal-Ġiżwiti.
Festa ta' Sant'Injazju fil-Kappella ta' Manresa,Dar tal-Irtiri, Victoria.
Griżma għall-ulied l-Emigranti – Qala fis-7.00p.m.
Tibda l-Kwindiċina ta' Santa Marija

.